# *DAN KOLLU GHALFEJN?*

Kull min jahdem fil-qasam tal-familja ma jistax fiz-zminijiet ta' llum ma jaghmilx din il-mistoqsija:

**"Dan kollu ghalfejn?"**

Il-kontribut tieghi illum huwa riflessjoni dwar din il-mistoqsija.

Din mhiex mistoqsija b'tifsira wahda, u trid taghmilha u tfittex it-twegiba taghha f'livelli differenti.

Il-mistoqija "Dan kollu ghalfejn?" l-ewwel ma jaghmilha hu dak li jahdem fil-qasam tal-familja, jew ahjar kull min jahdem fil-volontarjat.

Nibda bl-esperjenza personali tieghi u ta' marti Pauline. F'dan il-kuntest jien sejjer naghti ir-ragunijiet il ghaliex (i) bdejt ninteressa ruhi fil-familja, u (ii) ghaliex bdejt naghti l-kontribut  bil-presenza tieghi fil-Kunsill tal-Moviment ta' Kana.

## 1. Ghaliex bdejt ninterresa ruhi fil-familja?

L-ewwel,  ghax konna zzewwigna u ftit wara kellna tlett itfal. Rajt li kont b'xi mod ghaddej minn dak li l-genituri tieghi u ta' marti ghaddew minnu. Bdejt minn interess f'dak li kont ghaddej minnu, u mhux interess akkademiku jew tejoretiku. L-istess ghal Pauline.

Meta zzewgna jien u marti konna naghmlu dak li jidhrilna. Hekk kif kellna t-tfal indunajna b'mod aktar profond x'jigifieri tiddepdendi.  Minnflok li t-tfal jiddependu minna, konna ahna li qed niddependu minnhom, mill-bzonnijiet taghhom.  Skoprejna aktar id-dimsenjoni taghna religjuza bhala suggetti li niddependu minn xi Hadd. Uliedna kienu l-metodu kif Alla jurina x'inhi u x'tehtieg in-natura taghna: dipendenza totali fuqu.

Dan nissel fija u f'Pauline interess u passjoni ghall-familja. Ghax fiha ahna skoprajna kif nghixu l-umanita' taghna. Skoprejna li l-imhabba taghna kienet qed twassalna aktar lejn Dak li il-limitu taghna kien iqanqal ix-xewqa ghalih, xewqa li ahna ma stajniex nissodisfaw, xewqa li hu biss kien jissoddisfa. Dan rajnih aktar b'mod car u aktar konxju bil-moghdija taz-zmien, u partikolarment fl-2006.

Dan wassalna sabiex nappasjonaw rwiehna mhux biss mill-familja, imma aktar u aktar mill-bniedem, mill-persuna tieghu: ghax x'inhi l-familja jekk m'hemmx il-bniedem fiha?

Ghalhekk l-impenn favur il-familja ma kienx idejologiku. Kien reali favur il-bniedem. Pauline bdiet tahdem fil-qasam tal-NFP, u jien naghti talks dwar il-ligi u l-familja. Ghamilna zmien fil-Kummssjoni Djocesana Familja. Hafna snin wara gejt mitlub naghti kontribut fil-Kunsill ta' Kana. Kien zmien meta l-impenji tieghi fil-qasam pubbliku kienu ghaddew.

## 2. Il-ghaliex tassew. Il-karita'.

Imma dan ma kienx l-ghaliex tassew tal-impenn taghna fil-moviment ta' Kana.

L-impenn taghna twieled mill-edukazzjoni li konna qed niehdu fi hdan il-Moviment Comunione u liberazione.

Ahna tghallimna li kull gest nisrani ghandu dimensjoni kulturali, missjunarja u ta' karita'. Biex nigu edukati fil-fidi u hajja nisranija, il-moviment jipproponielna li naghmlu b'mod regolari gesti ta' karita': kif graw l-affarijiet, sibna ruhna nahdmu fil-moviment ta' Kana.

Ghalhekk l-ewwel riflessjoni tieghi ghalfejn dan kollu ghandu x'jaqsam mal-karita'.

Il-karita' hija esigenza, htiega, li ghandna fina biex niehdu interess fl-ohrajn. "Meta jkollna xi haga sabiha go fina, ahna nhossu li ghandna nikkomunikawha u nghadduha lill-haddiehor (Il senso della caritativa, p.5). Meta nindunaw bi bzonn ta' xi hadd inhossu li nehtiegu nwiegbu ghall dak il-bzonn. Dan tant

jikkorrispondi ghan natura taghna li nhossu li rridu nwiegbu, mhux ghax xi hadd qalilna naghmlu hekk, imma minhabba xewqa li ghandna fina nfusna li nikkomunikaw ma’ dak li jkun. Meta naraw xi hadd aghar minna, ahna nhossu li ghandna nghinuh b'xi haga minn taghna, jew ahjar, b'xi haga minna. Din il-htiega hi tant naturali, tant originali, li qieghda fina qabel ma ahna stess nintebhu biha.

Dan ma naghmlux b’dover.  Naghmluh ghax jikkoincidi man-natura taghna stess.  Dan niskopruh fl-esperjenza taghna, waqt li qed naghmlu l-karitativa.

Meta ninteressaw irwiehna mill-ohrajn. Meta  nikkomunikaw ma' l-ohrajn inkunu qieghdin nghixu l-esperjenza li nibnu lilna nfusna.  Tant hu hekk, li jekk ma jirnexxilniex naghtu, nhossu li qed jitnaqqas xi haga minna.

Ghalhekk l-impenn regolari fil-hidma tal-moviment ta’ Kana, gest semplici, minghajr ebda pretensjoni, jghinna nitghallmu kif nghixu l-karita’ f’hajjitna kollha, u b’hekk nghixu aktar dak li ahna.

Kristu, meta nkarna ruhu, u ta ruhu ghalina wriena tassew kif tghix il-karita’.  Meta nkarna ruhu, Kristu ma tanix xi haga, ma taniex il-gid kollha tieghu, kif seta' jaghmel, u b'hekk ibiddel is-sitwazzjoni taghna,  imma qasam maghna ix-xejn taghna. Ejjew niftakru x’gara meta Marija marret izzur lil qariba taghha Santa Elizabetta : hija marret tghinna, imma kif waslet l-ewwel haga li grat x’kienet : kien li San Gwann qabez bil-ferh f’guf ommu (Lq : 1.41).

L-oghla Karita’ hija li Alla stess kellu hniena minnha u sar bniedem u qasam maghna ix-xejn taghna (Geremija).

Ahna nistghu biss naqsmu lilna nfusna ma’ xi hadd jekk ahna naqbzu bil-ferh b’dak li gara lilna,  meta nirrejalizzaw li kien Hu li habbna l-ewwel b’dik il-hlewwa li tant il-qalb tixtieq.  Altru minn attivizmu u organizzazzjoni, minn efficjenza u koerenza !

L-ewwel naccettaw l-imhabba ta’ Alla, u minn din biss nistghu naghtu.  Mix-xejn taghna x’nistghu noffru ?

Il-karita' mhiex generozita'.  Bil-generozita nippruvaw hafna drabi nimlu dak li jonqos lilna, nuqqas li nkunu irridu nimlu b'xi haga.  Meta naghmlu hekk, illum jew ghada, nghajjew jew niddejqu, jew naqtghu qalbna.  Jew inkella naghmlu progett u nkunu irridu nwettquh a kost ta' kollox, anki billi nghaddu minn fuq ras kulhadd, f'isem Kristu jew il-gid tal-familja ridotti ghal idejologija.

Il-gratwita', imma, ghandha l-origini taghha f'dak li jahabbat fi qlubna, f'Dak li jwiegeb, li jikkorrispondi ghal dak li qalbna tehtieg u tixtieq.  Minn dak li nircievu biss nistghu naghtu. Inkella tkun pretenzjoni.

Mhux bizzejjed il-buona volonta' taghna biex nkunu ferhana u nferrhu lil ohrajn.  Xejn ma jista' jimla' dak li qalb tant tehtieg, u dan anki jekk ikollna s-soluzzjoni ghal problemi u d-diffikultajiet.

Ma jistax ikollna l-prezunzjoni li ahna nafu tassew x'ghandu bzonn il-bniedem. Dan jafu biss Alla.  Jien nista' biss naqsam mal-iehor il-bzonn tieghu, nghix mieghu il-bzonn tieghu, u fl-istess waqt nirrejalizza li il-bzonn tieghu profond – ta' ferh, ta' sbuhija, ta' gustizzja, ta' paci – hu l-istess bzonn tieghi.  Ic-cirkostanzi taghna jistghu ikunu differenti, imma maghguna mill-istess materja prima.

Li mmorru b'qalbna miftuha lejn l-ohrajn, li naqsmu maghhom ftit mill-hajja taghhom, u li naqsmu maghhom ftit mill-hajja taghna, tghinna niskopru haga kbira u misterjuza (dan nifhmuh waqt li nkunu qed naghmluh!).

Meta naghmlu hekk,  niskopru li precizament minhabba li ahna nhobbuhom, ma nkunux ahna li qed naghmluhom ferhanin; u la hija s-socjetà l-aktar perfetta, la s-sistema socjali l-aktar avvanzata u organizzata, la l-ghana, la s-sahha, la s-sbuhija l-aktar safja, jew civilta' l-aktar edukata - l-ebda minn dawn ma qatt ser taghmilhom ferhanin.  Huwa Iehor li jista' jaghmilhom ferhanin.  Dak li hu r-raguni ta' kollox, Dak li ghamel kollox: Alla.

Hekk Gesù ma jibqax biss dak li jhabbarli l-kelma l-aktar vera, li jispjegali l-ligi tar-rejalta' tieghi, ma jibqax biss id-dawl ta' mohhi: jien niskopri li Kristu huwa is-sens ta' hajti.

Hija mill-aktar sabiha ix-xhieda li jaghti dak li jghix dan il-valur: "jiena nkompli mmur naghmel il-karitativa ghaliex it-tbatija tieghi u taghhom kollha ghandha sens".

Meta tittama fi Kristu, kollox ghandu sens: Kristu.

Fl-ahhar mill-ahhar, huwa dan li niskopri meta mmur naghmel il-karitativa, u ezattament minhabba l-impotenza finali tal-imhabba tieghi: dina hija esperjenza fejn l-intelligenza tikber f'gherf, f'kultura vera.

Dawn semmejthom ghax huwa mill-aktar ragjonevoli u allura uman li kull min jaghmel attivita' ta' volontarjat, jaghmlu b'sens ta' karita'.  Allur hu mehtieg li nkunu nafu il ghaliex qed nidhlu ghal dan l-impenn, u li barra li nkunu nafu il ghaliex, nimpenjaw rwiehna f'eghmil, sabiex nifmu aktar il-ghaliex :  il-bniedem jiskopri lilu nnifsu mhux fl-astratt imma fl-azzjoni.

Dak li naghmlu fil-gesti ta' karitiativa, fl-ahhar mill-ahhar ikollu rifless fil-hajja normali taghna.

## 3. Il-ferh?

It-tieni riflessjoni tieghi hija din: dak kollu li gara f'dawn l-ahhar zminijiet,  dan ghalfejn sehh?

Paradossalment it-twegiba hija :  ghal ferh!

X'nistghu nitghallmu minn dak li gara?

Naraw illi fis-snin disghin kellna moviment, socjali u politiku, fejn hassejna li fiz-zwieg il-mizzewgin huma bhal shab indaqs. Ghall-ewwel darba rajna li dak li sar importanti kien illi il-mizzewgin individwalment ikunu soddisfatti, fejn, minkejja li r-refrain tal-ligi kien « fl-ahjar interess tal-familja », l-akbar preokkupazzjoni kienet li d-drittijiet tal-indivdwu jkunu sovrani.

Dan inhass li seta' jassigura l-ferh tal-bniedem u ghalhekk, fuq il-mudell Taljan, mudell divorzist, jekk dan il-ferh jonqos, jigifieri jekk iz-zwieg jitkisser, u tort ta' min hu irrilevanti, kull parti setghet titlob is-separazzjoni personali. Dan gab bidla kulturali fejn fiz-zwieg l-interess tal-individwu beda jigi l-ewwel, u qabel dak tal-familja.  Dan biz-zmien holoq kultura fejn is-separazzjoni personali tal-mizzewgin saret mhux biss facli, imma giet percepita bhala l-ewwel soluzzjoni ghal ferh. Parallellament anki fil-Knsija bdejna nirromanticizzaw iz-zwieg iz-zejjed, u naghtu enfasi fuq dak li jissejjah fulfilment. Insejna bhala socjeta' li fl-imhabba il-fulfillment li taspira ghalih mhux tieghek imma ta' martek jew zewgek !

Tappa ohra f'dan is-sens kienet il-ligi li introduciet id-divorzju. Id-divorzju gie pprezentat bhala soluzzjoni biex terga' tintroduci l-ferh lil dawk il-koppji li z-zwieg taghhom kien tkisser u li sabu x-xorti ma' persuna ohra.

Ix-xewqa tal-ferh kienet ukoll il-bazi emozzjonali biex wiehed jiggustifka li jinghata d-dritt lil koppji li jirrikorru ghall-IVF biex jissodisfaw ix-xewqa taghhom, xewqa nobbli fiha nnifisha, li jkollhom it-tfal.

L-istess motivazzjoni insubuha ukoll fl-introduzzjoni tad-dritt ta' koppji tal-istess sess li jkollhom ir-relazzjoni taghhom rikonoxxuta bhal zwieg, hlief fl-isem, u li jkollhom id-dritt li jaddottaw.  Li jmiss issa huwa li jkunu jistghu jirrikorru ghall-IVF.  Din hi konsegwenza logika.

Il-fattur komuni ta' dawn kollha huwa li  juru li l-bniedem dejjem ifittex il-ferh.  Din hija preokkupazzjoni dejjiema. Imma ifittex il-ferh f'soluzzjonijiet, f'drittijiet « godda », li huma mpingija jew percepiti bhala it-twegiba ghal ferh li l-qalb tant tixtieq.  Ironikament l-istess jista' jinghad ghal dawk li jfittxu is-soluzzjoni tal-qalb taghhom, tal-ferh, fiz-zwieg, kemm jekk civili kif ukoll jekk religjuz.

Dan kollu huwa bbazat fuq gidba jew illuzjoni.  Jigifieri li ghal bzonn infinit ta' ferh, ta' paci, ta' gustizzja, li kull qalb tal-bniedem tixtieq u tehtieg, il-bniedem, u is-socjeta' qed jippretendu, u jilludu ruhhom, li s-soluzzjoni hija f'dawn id-

drittijiet individwali, qisu li aktar ma jkollok dirttijiet u toqghod tghoddhom flimkien wiehed ma' iehor, aktar ser ikollok garanzija tal-ferh li kull qalb tant tixtieq.

Issa ahna, li ghamilna l-esperjenza ta' bnedmin nafu li ebda dritt, ebda relazzjoni, ebda wild, ma jwiegeb ghal dan il-bzonn profond ta' ferh jew fulfillment. Anzi jekk tippretendi li hu s-soluzzjoni tkun qed tikkommetti vjolenza fuq il-persuna l-ohra : din qatt ma tista' twiegeb b'mod ezawrjenti ghal bzonn tal-qalb. Iggib vjolenza ukoll fuqek nnifsek, insodisfazzjon, dizilluzjoni u fl-ahhar cinizmu, ghax qalbek sejra tibqa' inkompjuta.

Anki min minn-naha l-ohra jippretendi li is-soluzzjoni hija l-invers (bhal ma kienet il-ligi taghna qabel dan it-tibdil kollu), dak li jsostni l-oppost ta' dawk li ggieldu ghal dawn id « drittijiet godda » jista' jkun qed jippretendi dak li ma jistax isehh. Hija utopija li tistenna li ligijiet perfetti huma s-soluzzjoni, anki jekk dawk il-ligijiet huma moralment tajbin. Jien mhux qed nghid li ma ghandniex ikollna ligijiet li jirrispettaw il-persuna tal-bniedem u l-familja, dik ic-cellula tas-socjeta' stabbli u dejjiema, fragli imma certa u tant mehtiega biex bniedem jitnissel fiha, u jigi edukat fl-umanita' u l-hajja. Dak li qed nghid hu li jekk nippretendu li ligijiet u strutturi perfetti, u servizzi perfetti huma is-soluzzjoni totali, nkunu ahna ukoll qed nibbazaw ix-xewqa ghall-ferh u paci fuq illuzjoni, utopia, u idejologija. Dan ghax nkunu qed nirriducu l-qalb tal-bniedem, u x-xewqat profondi taghha, ghal dak li nistghu nikkontrollaw. Nkunu qed nipprospettaw soluzzjoni generika ghal kulhadd, meta hija kull qalb, personalment u irripetibbli, li tfittex dak li jahjiha (Dun Karm).

Imma lilna l-esperjenza urietna li huwa Kristu li jwiegeb ghal qalb tal-bniedem u dak l-infinit li hi tixtieq : « id-divin biss isalva l'bniedem ». Kif kien qal Don Giussani f'diskors qasir quddiem San Gwanni Pawlu II, « Kristu tallab ghall-qalb tal-bniedem u l-qalb tal-bniedem tallaba ghal Kristu » (Il vero protagonista della storia è il mendicante: Cristo mendicante del cuore dell'uomo e il cuore dell'uomo mendicante di Cristo). L-esperjenza personali ta' Kristu turi lil bniedem dak li hu tassew : Fl-esperjenza ta' Kristu, meta ltqajt mieghu skoprejt

ruhi tassew bniedem (Mario Vittorino). L-esperjenza ta' Kristu, l-familjarita' mieghu, permezz tal-Knisja, li nsir naf lil Kristu jgib mieghu li niskopri u nkun naf x'kuncezzjoni kellu Kristu tal-hajja, u allura anki l-valuri jkollhom sens u rilevanza. Dawk il-valuri li f'dawn l-ahhar tletin sena rajnihom jitilfu ir-rilevanza taghhom fil-hajja personali u socjali tal-gensna jistghu biss jergghu jigu skoperti u mhaddna jekk ir-raguni tifhem l-origini taghhom, jekk nerghu niskoru dik il-hajja – l-Kristjanizmu – li ghamlet possibbli l-iskoperta u t-tifsira taghhom.

## 4. L-Essenzjal

Allura dan kollu ghalfejn? Ghalfejn jezisti l-moviment ta' Kana?

Ghall-Essenzjal!

Ahna nistghu bhala moviment ta' Kana nirriducu ruhna ghal agenzija ta' servizzi, bir-riskju li nkunu qed nirriducu il-bzonn tal-bniedem ghal dak li jidher: bzonn emozzjionali, bzonn psikologiku, bzonn ta' pariri, bzonn ta' servizzi religjuzi, etc.

Dan kollu hu tajjeb. Kif ghidt qabel «Jien nista' biss naqsam mal-iehor il-bzonn tieghu, nghix mieghu il-bzonn tieghu, u fl-istess waqt nirrejalizza li il-bzonn tieghu profond – ta' ferh, ta' sbuhija, ta' gustizzja, ta' paci – hu l-istess bzonn tieghi. Ic-cirkostanzi taghna jistghu ikunu differenti, imma maghguna mill-istess materja prima.» Jekk fl-operat tieghu il-moviment ta' Kana ma jkollux din id-dimensjoni «religjuza» u «Nisranija», nkunu bhal kull NGO ohra, minghajr personalita', minghajr wicc, anonimi.

Dan id-dimensjoni ta' karita' ghandha tkun presenti mhux biss f'min jaghti l-kontribut tieghu b'mod volontarju, imma wkoll f'dawk li jahdmu bi qligh.

Dan l-agir fih nnifsu ghandu valur kulturali. Il-fatt li jkun jezisti u prezenti fis-socjeta' johloq kultura, li tista' tmissha b'idejk u taraha b'ghajnejk.

Ghandha valur missjunarju jekk dak li taghmel hu biex twassal huwa lil Kristu. Jekk il-moviment ta' Kana ma jaghmilx hekk,

jirriduci ruhu ghal progett frott l-inizjattiva ta' individwu jew individwi, jsir awto-riferenzjali.  Jitlef ghalhekk il-valur veru tieghu.

Il-moviment ta' Kana inholoq biex il-familji Maltin ikollhom l-esperjenza hajja ta' Kristu :  dan hu l-Essenzjal li tant jitkellem dwaru l-Papa Frangisku.  Ghalhekk il-preokkupazzjoni tal-moviment ghandha tkun li hu jkun il-metodu kif il-mizzewgin jiltaqghu ma' Kristu u jghixu u jaqsmu hajjithom mieghu :  dan jigi qabel kull lezzjoni, dogma, attivita', li pero' huma wkoll ic-cirkostanzi fejn dan jista' jsehh.

Il-proposta tal-moviment ta' Kana lil familji ghandha tkun li fih huma jiskopru u jimxu ma' Kristu, mixja li tghinhom jghixu hajjithom kollha, f'kull partikolarita' taghha, u mhux mument jew mumenti  li jaqsmu l-hajja fi tnejn : dak li hu ta' Alla u dak li mhuwiex.  Kollox hu ta' Alla!  Dak Alla li ta lilu nnifsu lil kull bniedem.  Il-mumenti ta' kondivizjoni fil-komunitajiet tal-moviment ta' Kana ghandhom ikunu l-ispirazzjoni, c-centru, tal-affettivita' lejn Kristu, u allura lejn kulhadd. Kristu fil-kumpannija ta' dawk li tahom ismu jsir konkret u prezenti, prezenti tant li jbiddel l-umanita'.  Daqstant igib l-ghira ta' kulhadd, u jwelled f'haddiehor ix-xewqa ta' dik il-mitt darb iktar li jara fil-komunita' nisranija.

Dan hu l-essenzjal.  Dan kollu hu ghalhekk, ghaliH !

**5. Konkluzjoni – Il-Madonna ta' Kana**

Biex naghlaq nixtieq naghmel riferenza ghall-ewwel gest pubbliku ta' Ommna Marija u ta' Gesu'.

Fit-tieg ta' Kana hija kienet dik li ndunat bil-bzonn tal-gharajjes:  kien qed jonqoshom l-inbid.  Dan hu t-tip ta' attenzjoni li kull min ihobb lil familji ghandu jkollu.

Hi ma baqghetx thares.  Kienet taf li Binha seta' jwiegeb ghal bzonn tal-gharajjes.  Ghalhekk intercediet ghall-gharajjes; u lanqas biss kienu jafu! Ahna b'hekk nafu li fiha ghandha intermedjarju ghalina ma' Gesu':  hi taf u ahna nafu li hu jisma' minnha. Kull ma rridu naghmlu hu li nitolbu.

Imma hi ma waqfitx hemm.  Lil qaddejja (u mhux lil gharajjes) uriethom li ghandhom  jirrikorru ghand Gesu'.

Imma l-kliem taghha ma kienx biss «itolbu u jinghatalkom». Hi taf li Kristu jitlob il-kollaborazzjoni taghna u li ma jiehu post qatt il-liberta' taghna.  Dak li qaltilhom kien «Aghmlu kull ma jghidilkom hu».  U hekk ghamlu.  Kristu qalilhom x'kien jehtigilhom, u dak li qalilhom ghamluh. Hu ttrasforma l-azzjoni umana taghhom f'rizultat li hu possibli biss ghal Alla.

Gesu' lilna ma jitlobx biss l-iva, imma jitlobna li nimxu warajh u li naghmlu dak li jghidilna hu, bil-liberta' kollha taghna. Dan jittrasformana.

B'hekk Hu juri l-glorja tieghu, biex nemmnu fih.

Dan sehh meta sar l-ewwel miraklu.   Ghadu jsehh llum.

Robert Tufigno

30 ta' April, 2014